KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU SEBA' U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2005 fid-9.50am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużati: | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Triq San Ġużepp.
(4) Rapport Finanzjarju.
(5) Approvazzjoni Performance Bonus ta' l-Impjegati.
(6) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 47 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

47(1).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva unanimament il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46 kif ippreżentati.

## 47 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma li wettaq il-Kunsill mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Numru 46).

47 (2).1 BOV - Servizz Bankarju fl-Isla (01/02/05)

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' uffiċjali għolja tal-BOV

dwar possibilita' ta' Servizz Bankarju għall-Anzjani mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Dan minħabba li minkejja s-Servizz ta' l-ATM li hemm fil-lokal ftit kienet effettiva ma' l-Anzjani.

In-naħa tal-Bank infurmaw lis-Sindku li huma bi ħsiebhom jiddiskutu t-talba tal-Kunsill biex jerġa jibda jingħata servizz bankarju limitat fil-lokal ta' l-Isla.

Ġiet proposta laqgħa oħra fi żmien qasir.

47 (2).5 BOV (09/02/05)

Saret laqgħa oħra ma' l-amministrazzjoni tal-BOV fil-Plaza bħala riżultat ta' l-ewwel laqgħa. Barra l-uffiċjali għolja tal-Bank għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll l-Uffiċjal ewlieni tas-Sigurta' fil-Bank. Fuq esperjenza li għandu l-Bank dawn l-uffiċjali kienu tal-fehma li mhux prattikabbli li jingħata servizz bankarju mill-Kunsill.

Ġie ssuġġerit li ssir laqgħa mal-Branch Manager, fl-24 ta' Frar, 2005 fil-fergħa ta' Bormla biex tiġi mistħarrġa l-possibilta' li l-Kunsill jerġa' joffri servizz ta' trasport lill-Anzjani fuq il-bażi li kienet ssir qabel. Is-Sur Hili kien preżenti għal din il-laqgħa.

47 (2).2 Programm - Radju Kottoner (02/02/05)

Is-Sindku ħa sehem fi programm fuq dan ir-radju fejn fisser il-funzjoni u l-ħidma tal-Kunsill. Huwa semma' s-suċċess li nkiseb fl-attivitajiet li l-Kunsill itella' b'mod speċjali għall-Anzjani nhar it-23 ta' Diċembru, 2004.

47 (2).3 Seminar - Proġetti ta' Toroq (03/02/05)

Is-Sindku Joseph Casha attenda u ħa sehem f'Seminar dwar proġetti ta' toroq f'diversi nħawi ta' Malta. Dan is-Seminar kien organiżżat u mtella' mill-Ministeru tat-Toroq u l-Iżvilupp Urban immexxi mill-Onor. Jesmond Mugliette.

47 (2).4 Pitch bit-truf artifiċjali (08/02/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mas-Sinjuri Frans Mizzi u Stephen Perici uffiċjali ewlenin ta' Senglea Athletic F. C. fil-klabb stess. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-aħħar żviluppi u dokumenti oħra meħtieġa mill-MFA biex tiġl finalizżata l-applikazzjoni kif qed titlob l-UEFA biex isir dan il-pitch fil-grawnd tal-Ponta.

47 (2).6 Ċentru ta' Tagħlim matul il-Ħajja għall-Adulti ( 15 / 02 / 05)

Sartet laqgħa fil-Kunsill maż-żewġ persuni li kien ser imexxu dan il-proġett ġdid imniedi mill-FES flimkien mal-Kunsilli Lokali. Kienu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Ġie diskuss u mistħarreġ it-tipi ta' korsijiet li jistgħu jiġu offruti lill-Adulti fil-lokal. Issemmew korsijiet fit-tagħlim tal-qari u kitba, ħiliet għal waqt interviews u kommunikazzjoni effettiva.

47 (2).7 Skola Primarja Dom Mauro Inguanez (15/02/05)

Il-Kap ta' l-iskola talbet lis-Sindku biex il-Kunsill jikkunsidra li joffri trasport lil dawk it-tfal bi bżonnijiet speċjali biex darba kull ħmistax il-ġurnata jitwasslu fir-Razzett tal-Ħbiberija.

Is-Sindku kien tal-fehma li din it-talba tiġi milqugħa, filfatt din it-talba ġiet approvata.

47 (2).8 Awditur - MGI (17/02/05)

Is-Sindku Joseph Casha, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill kellhom laqgħa ta' ntroduzzjoni ma' l-awdituri l-ġodda maħtura mill-Awditur Ġenerali biex jagħmlu Audit tal-Kunsill għas-sena 2004/2005.

Ġie diskuss kif dan l-Audit għandu jitmexxa. MGI għandhom jibgħatu l-programm ta' kif għandu jsir il-proċess.

47 (2).9 Proġett EU - Hamm, Ġermanja

Bdiet il-ħidma fost żgħażagħ Maltin li qed jipparteċipaw f'dan il-proġett bi sħab ma' erba' pajjiżi fl-Unjoni Ewropeja. Fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa proposta fil-Kunsill għall-parteċipanti sabiex lħejju sewwa għall-workshop 1 li ser isir f'Hamm il-Ġermanja, bħala parti minn dan il-proġett hekk vast. F'din il-laqgħa ser jintgħażlu dawk l-għaxar (10) żgħażagħ mill-parteċipanti li ser jirrappreżentaw lil sħabhom f'dan il-workshop. Dawn huma 10 żgħażagħ mill-lokal.

47 (2).10 Website tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tagħrif meħtieġ inġabar kważi kollu u x-xogħol fuqha wasal biex jintemm. Fil-ġranet li ġejjin ser tkun on line bi prova. Din il-website ser tagħti tagħrif estensiv dwar il-lokal ta' l-Isla f'dak li huma storja, kultura u l-ħidma tal-Kunsill fil-passat u għall-futur. Din il-website ser ikollha ħafna ritratti.

Il-Metrjal fuq il-website għal'issa ser ikun bil-Malti u aktar il-quddiem ser ikun hemm ukoll il-verżjoni bl-Ingliż.

Il-Kunsill qed jistieden lill-Għaqdiet, organiżazzjonijiet u ċ-ċittadini biex jibgħatu suġġerimenti u kummenti tagħhom kif din il-website tista' tkun aħjar qabel tiġi varata uffiċjalment.

47 (2).11 Gażżetta tal-Kunsill

Din tinsab fi stadju avvanzat ħafna. Il-format ta' din il-gazzetta ser ikun fuq A# fejn ser ikolla 8 paġni fejn l-ewwel u l-aħħar paġna ser ikunu bil-kulur. Il-faċċata tan-nofs ser ikollha ritratti ta' xogħol li wettaq il-Kunsill u proġetti oħra mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

Kull Kunsillier qed jippreżenta artiklu miktub minnhu stess. L-isem ta' din il-gazzetta huwa "Civitas Invicta".

47 (2).12 Laqgħa Pubblika Annwali

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li skond kif approvat fil-laqgħa, l-laqgħa pubblika annwali fil-lokal ta' l-Isla ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2005 fil-5.30pm.

## 47 (2).12 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-24 ta' Jannar u t-18 ta' Frar, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0171/05/I* *Kuntrattur Nexos*

Skond l-ittra tas-Sindku tal-Kalkara dan il-kuntrattur qed joġġezzjona għax il-Kunsill tal-Kalkara bagħat iġib lampi minn barra li huma irħas minn dawk tal-kuntrattur.

*04/0182/05/I* *Water Services Corporation*
*04/0236/05/I*

Dan il-Kunsill bħal Kunsilli oħra ġie mistieden biex iġedded ir-Reinstatement Road Agreement. L-AKL (AKL11/2005) infurmat lill-Kunsilli Lokali biex dan ma' jsirx għal'issa sakemm issir konsultazzjoni magħha.

*04/0206/05/I* *Gazzetta tal-Kunsill*

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għall-istampar tal-gazzetta tal-Kunsill.

*04/0209/05/I* *Dipartiment għall-Kunsilli Lokali - Memo 3/2005*

Tagħrif dwar l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tat-12 ta' Marzu, 2005.

*04/0237/05/I* *Ħlasijiet tat-Telefon*

L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-proċeduri u miżuri ġodda dwar ħlas ta' kontijiet fil-Kunsilli Lokali mill-pubbliku.

*04/0246/05/I* *Via Sagra fil-Kottonera*

Radju RTK flimkien ma' l-Arċidjoċeżi ser jorganiżża Via Sagra bl-istatwa tar-Redentur fil-Kottonera nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu, 2005.

*04/0267/05/I Seminars - Programmi EU*

Il-Fondazzjoni ĠEM talbu u bdew jotganiżżaw sensiela ta' 4 seminars fis-Sala tal-Kunsill bejn il-25 ta' Frar, 2005 u t-18 ta' Marzu, 2005 dwar programmi u ksib ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja dwar programmi taż-żgħażagħ. Kienu mistiedna l-Kunsilli tal-madwar.

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw il-kunsens tagħhom biex dan isir.

*04/0270/05/I Talba minn grupp ta' żagħżagħ*

Dan il-Grupp "Famous Dancers" talbu biex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Tlieta fil-5.00pm. Din it-talba ġiet milqugħa.

*04/0272/05/I Develozzjoni Imħażen (Maċina)*

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lid-Direttur tat-Taqsima Propjeta' Tal-Gvern Malti dwar l-Iżgumbrament ta' l-imħażen biswiet il-Maċina u li dan il-Kunsill qed jitlob li jiġu devoluti lilu. Il-Kunsill kiteb lid-Direttur biex dan l-Iżgumbrament isir biex din id-devoluzzjoni sseħħ (Kopja mehmuża).

*04/0332/05/I Kiri - Sala Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tal-familja Parnis biex jorganiżża birthday party fis-Sala tal-Kunsill (Kopja mehmuża).

*04/0333/05/I Bandli - Triq il-Ħabs l-Antik*

Wara erba' snin il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-permess għal dan il-post ġie approvat u ħiereġ dalwaqt (Kopja mehmuża).

*04/0328/05/I Attivita' Soċjali*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Segretarju tal-Kumitat Laburista Lokali ser itellgħa attivita' soċjali għaż-żgħażagħ fis-Social Club.

*04/0348/05/I Ħaddiema tal-Gvern Assenjati mal-Kunsill*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill biex Iż-żewġ ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill jiġu trasferiti lura fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Floriana. Għalkemm il-Kunsill pprotesta dwar dan mad-Dipartiment, il-Kunsill baqa' ma' ingħatax garanzija meta dawn ser jerġu lura, bil-konsegwenza li x-xogħol ippjanat mill-Kunsill fil-lokal kellu jieqaf (Kopja mehmuża).

*04/0350/05/I Memo 5/2005*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat rapport ta' l-Awditur Ġenerali dwar l-operat

Finanzjarju fil-Kunsilli Lokali.

*04/0356/05/I* *Skola Marija Reġina*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' din l-iskola biex jġuri artiklu żgħir ta' 50 kelma dwar l-inhteress storiku fil-lokal u li ser jidher fil-Magazine tagħhom.

*04/0363/05/I* *Escher Exhibition*

Il-Kunsill huwa favur il-proposta ta' Culture Tracks biex l-exhibition li qed tittella' f'Ruma, tiġi mtella' fl-Isla.

*04/0388/05/I* *Użu tas-Sala*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletics Youth Nursery biex jużaw is-sala tal-Kunsill għal attivita' soċjali fil-25 ta' Frar, 2005.

*04/0411/05/I* *Użu tas-Sala*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Familja Baldacchino biex Iżżomm party tal-preċett għat-tifla nhar it-12 ta' Ġunju, 2005.

*Għotja ta' Kotba*

Il-Kunsill aċċetta l-offerta ta' għotja ta' kotba mill-Partit Laburista għal-Librerija Pubblika fil-Lokal. Dawn ser jiġu ppreżentati minn Dr Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni nhar is-Sibt 26 ta' Frar, 2005.

*Kunsill Lokali Marsascala*

Wara talba mill-Kunsill Lokali Marsascala, dan il-Kunsill qabel bi tlett voti favur u wieħed kontra li jappoġġja l-oġġezzjoni biex l-impjant ta' Riċiklaġġ f'Wied il-Għajn u li ssir Assoċjazzjoni biex isir front wieħed.

## 47 (3) Triq San Ġużepp

Il-Kunsill kien bi ħsiebu li x-xogħol ta' kostruzzjoni f'din it-triq jibda minnufih. Iżda minħabba li d-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Kostruzzjoni informa lill-Kunsill li minħabba xogħol ieħor urġenti ma' setgħax jonora l-wegħda tiegħu li jibda x-xogħol f'din it-triq minkejja li l-Kunsill approva dan ix-xogħol favur id-dipartiment (Ara dokumenti mehmuża).

47 (3).1 Is-Sindku saħaq li skond il-ftehim li dan il-Kunsill għandu ma' l-ADT din it-riq hija fost dawk li jridu jsiru sa Novembru, 2005.

47 (3).2 Il-Kunsill qabel li l-Ministeru jew id-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Kostruzzjoni għandhom jinfurmaw lil dan il-Kunsill meta u kif ser jibda dan ix-xogħol ħalli l-Kunsill ikun jaf x'inhija l-pożizzjoni tiegħu.

## 47 (4) Rapport Finanzjarju

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport fianzjarju tal-Kunsill għat-tiele kwart tas-sena finanzjarja (Ott-Diċ'04).

47 (4).1 Dan ir-rapport qed juri li l-Kunsill għalaq dan il-kwart b'bilanċ pożittiv ta' Lm 4, 962 u bilanċ pożittiv kumulattiv ta' Lm 5, 264.

47 (4).2 Kif jidher mir-rapport preżentat, il-miżuri li wettaq dan il-Kunsill biex jikkontrolla l-infieq fil-waqt li zied fid-dħul, taw il-frott tagħhom.

Kif jidher minn dan ir-rapport, il-Kunsill ser jagħlaq it-tielet kwart (Ottubru - Diċembru, 2004) tas-Sena Finanzjarja b'bilanċ pożittiv ta' Lm 4, 964.73ċ u b'surplus kumulattiv għall-ewwel disa' xhur (April - Diċembru, 2004) ta' Lm 5, 264.73ċ.

Fil-fatt fir-rapport (Lulju - Settembru, 2004) il-Kunsill kien qed jippjana li jagħlaq is-sena finanzjarja 2004/2005 b'surplus ta' Lm 4, 283.73ċ.

47 (4).3 Cash Flow

Il-Kunsill beda jirċievi lura parti mill-ħlas dovut lilu għal xogħol ta' rikostruzzjoni li wettaq f'erba' toroq skond il-ftehim milħuq ma' l-ADT. Infatti l-ħlas ta' Lm 17, 000 mis-somma ta' Lm 52,000 dovuta mill-ADT tħallset lill-Kunsill f'Diċembru, 2004 kif kien previst.

Kif kien imwiegħed mill-Kunsill il-cash flow tiegħu ġiet għan-normal.

47 (4).4 Commitments

Għat-tlett xhur li ġejjin (Jannar - Marzu, 2005) il-Kunsill ma' għandu l-ebda commitments oħra ħlief dawk kuntrattwali.

47 (4).5 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju.

47 (4).6 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju.

## 47 (5) Approvazzjoni Performance Bonus ta' l-Impjegati

Waqt li kien ser jiġi diskuss dan l-item is-Segretarju Eżekuttiv irtira mil-lasqgħa tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti bil-liberta' kollha.

47 (5).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill unanimament approva l-perfomance bonus ta' l-iskravana u tas-Segretarju Eżekutiv skond Avviż Legali Numru 127/1998 - Klawżola 19 (Fuq formola fi skeda A Reg. 6.16).

## 47 (6) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

47 (6).1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' tlett skips ġodda għal madwdar Lm 200.

47 (6).2 Il-Kunsill approva x-xiri ta' żewġ heaters tal-gas.

47 (6).3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 7,418.52ċ skond kif mehmuża mal-Minuti.

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fil-11.30am.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha Alphonse Zammit

Sindku Segretarju Eżekuttiv